DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1695

tal-4 ta' Ottubru 2019

li taħtar erba' membri u ħames membri supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern tan-Netherlands,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fit-18 ta' Settembru 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1573 ([4]), is-Sinjura Hester MAIJ, is-Sur Bert GIJSBERTS, is-Sur Ralph DE VRIES u s-Sur Bote WILPSTRA ġew sostitwiti mis-Sur Michiel SCHEFFER, is-Sur Theo BOVENS, is-Sur John JORRITSMA u s-Sur Cees LOGGEN bħala membri, u s-Sinjura Elvira SWEET, is-Sinjura Annemieke TRAAG, is-Sur Theo BOVENS u s-Sur Hans KONST ġew sostitwiti mis-Sur Erik LIEVERS, is-Sinjura Mariëtte PENNARTS-POUW, is-Sur Michiel RIJSBERMAN u s-Sur Ard VAN DER TUUK bħala membri supplenti. Fit-18 ta' Lulju 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1205 ([5]), is-Sur Ard VAN DER TUUK ġie sostitwit mis-Sur Tjisse STELPSTRA bħala membru supplenti. Fis-7 ta' Ottubru 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1816 ([6]), is-Sur John JORRITSMA ġie sostitwit mis-Sur Klaas KIELSTRA bħala membru. Fil-25 ta' Settembru 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1765 ([7]), is-Sur Michiel SCHEFFER ġie sostitwit mis-Sinjura Annemieke TRAAG bħala membru u s-Sur Erik LIEVERS ġie sostitwit mis-Sur Michiel SCHEFFER bħala membru supplenti.

(2) Konsegwentament għal tmiem il-mandati tas-Sinjura Annemieke TRAAG, tas-Sur. Klaas KIELSTRA, tas-Sur Theo BOVENS u tas-Sur Cees LOGGEN saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sinjura Mariëtte PENNARTS-POUW, tas-Sur Michiel SCHEFFER u tas-Sur Ben DE REU saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Michiel RIJSBERMAN u tas-Sur Tjisse STELPSTRA bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1573 tat-18 ta' Settembru 2015 li taħtar erba' membri Netherlandiżi u ħames membri supplenti Netherlandiżi fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 245, 22.9.2015, p. 10).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1205 tat-18 ta' Lulju 2016 li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 198, 23.7.2016, p. 46).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1816 tas-7 ta' Ottubru 2016 li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 278, 14.10.2016, p. 44).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1765 tal-25 ta' Settembru 2017 li taħtar żewġ membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 250, 28.9.2017, p. 59).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membri:
- Sur Michiel RIJSBERMAN, *gedeputeerde Flevoland,*
- Sur Tjisse STELPSTRA, *gedeputeerde Drenthe,*
- Sur Andy DRITTY, *gedeputeerde Limburg,*
- Sinjura Christianne VAN DER WAL, *gedeputeerde Gelderland,*

(b) bħala membri supplenti:
- Sur Johannes KRAMER, *gedeputeerde Fryslân,*
- Sinjura Anita PIJPELINK, *gedeputeerde Zeeland,*
- Sur Robert STRIJK, *gedeputeerde Utrecht,*
- Sur Jack VAN DER HOEK, *gedeputeerde Noord-Holland,*
- Sur Eddy VAN HIJUM, *gedeputeerde Overijssel.*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
K. MIKKONEN